MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2012

Appell Civili Numru. 2335/1998/1

**George Galea u b'digriet tal-5 ta' Novembru, 2008 il-gudizzju gie trasfuz f'isem Alexandra Zammit, George Galea Jr u Claudia Gafa sabiex ikomplu l-kawza minflok l-attur George Galea li miet fil-mori tal-kawza**
***v.***
**Kummissarju tal-Pulizija**

1. Dan il-provvediment huwa dwar talba magħmula mill-atturi appellanti b'rikors tat-12 ta' Marzu 2012 taħt l-art. 904 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili biex jingħataw il-benefiċċju tal-garanzija bil-ġurament flok il-garanzija li trid il-liġi.

2. Biex jingħataw dan il-benefiċċju l-atturi jridu (i) jaħilfu li ma seħħilhomx li jġibu l-garanzija li trid il-liġi u wkoll (ii) juru, imqar *prima facie*, illi għandhom *probabilis causa litigandi*. L-atturi Alexandra Zammit u Claudia Gafà – iżda mhux l-attur George Galea *junior* – wettqu l-ewwel kondizzjoni u għalhekk fadal li naraw jekk seħħilhomx juru l-*probabilis causa litigandi* li trid il-liġi.

3. Il-qorti tifhem illi dak li trid il-liġi f'dan l-istadju ma huwiex illi l-atturi juru illi x'aktarx illi jirbħu l-appell, iżda biss illi, imqar *prima facie*, għandhom argumenti plawsibbli.

4. Il-fatti relevanti li dwarhom saret il-kawża huma dawn: l-attur George Galea *senior* (illum mejjet, li l-atturi appellanti huma s-suċċessuri tiegħu) kellu liċenza biex jarma *fixed kiosk* mnejn ibigħ ġelati, *soft drinks*, u ħwejjeġ bħal dawn. Dan il-*kiosk* kien jarmah f'Għar id-Dud, tas-Sliema, quddiem il-lukanda *Preluna*. Fis-sena 1987 il-liċenza għal *kiosk* f'dak il-post ingħatat lil terzi u l-attur kellu għalhekk jarma f'post ieħor aktar imwarrab fejn ix-xogħol kien anqas.

5. Billi deherlu illi saret inġustizzja miegħu l-attur fetaħ proċeduri quddiem it-Tribunal għall-Investigazzjoni ta' Inġustizzji. B'deċiżjoni tal-1 ta' Ottubru 1998 it-tribunal laqa' t-talba tal-attur, qal illi saret inġustizzja miegħu u irrakkomanda illi "jingħatalu permess għal *mobile kiosk* b'liċenza ta' *fixed site* u dan f'Għar id-Dud, Sliema, fl-istess area fejn kien qabel".

6. L-attur kompla jgħid illi minħabba din l-inġustizzja li saret miegħu huwa ġarrab danni ta' telf ta' qligħ. Għalhekk b'ċitazzjoni ppreżentata fil-11 ta' Novembru 1998 fetaħ il-kawża tallum biex jitlob il-likwidazzjoni u l-ħlas ta' dawn id-danni. B'nota tat-12 ta' Novembru 2004[1] fisser illi d-danni illi kien qiegħed jippretendi huma "għal dawn l-aħħar ħmistax-il (15) sena", *i.e.*mill-1990.

7. Il-konvenut ressaq l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni ta' sentejn taħt l-art. 2153 tal-Kodiċi Ċivili, li tolqot l-azzjoni għall-ħlas tal-ħsarat mhux ikkaġunati b'reat.

8. L-ewwel qorti laqgħet din l-eċċezzjoni wara li għamlet dawn il-konsiderazzjonijiet:

---

[1] *Foll*. 47 *et seq.*

«… l-attur fiċ-ċitazzjoni qiegħed jibbaż l-azzjoni tiegħu proprjament fuq din l-inġustizzja li hu jgħid illi sofra meta ingħata post imwarrab fejn ma kellux biżżejjed xogħol.
«… … …
«Illi għalhekk jirriżulta illi id-danni illi sofra l-attur bdew jiddekorru mis-sena 1987 u dana peress illi hu stess xehed illi dik kienet id-data meta huwa kien ingħata post imwarrab fejn jarma il-gabbana tiegħu.
«… … …
«Illi għalhekk il-qorti trid bil-fors tieħu bħala perjodu ta' dekadenza a fini ta' preskrizzjoni d-data meta l-attur allegatament ingħata post imwarrab fejn ma kellux xogħol biżżejjed u per konsegwenza huwa ma baqax jarma u sofra telf ta' qligħ.
«Illi huwa prinċipju magħruf f'materja ta' preskrizzjoni illi t-terminu tal-preskrizzjoni għad-dritt għal riżarċiment tad-danni minħabba fatt illeċitu jibda jiddekorri mill-mument illi fih il-ħsara timmanifesta ruħha esternament u ssir oġġettivament perċepibbli u magħrufa.
«Illi l-artikolu 2137 tal-Kap. 16 jgħid hekk:
«Il-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dakinhar li din l-azzjoni tista' tiġi eżerċitata, mingħajr ma jittieħed qies tal-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss.
«Illi l-attur jgħid illi dan il-mument kien meta ngħata post imwarrab fis-sena 1987, u għalkemm fiċ-ċitazzjoni l-attur jgħid li kien interpella lill-konvenut huwa ma ressaq l-ebda prova illi turi li effettivament huwa kien b'xi mod interrompa l-perjodu ta' preskrizzjoni.
«Illi għalhekk il-qorti tqis illi kien fis-sena 1987 illi twieldet l-obbligazzjoni … … …
«… … …
«Illi l-qorti rat ukoll illi fir-rigward ta' kull terminu ta' preskrizzjoni, iż-żmien jibda jgħaddi bħala prinċipju minn dakinhar meta ssir il-ħsara lid-danneġġjat. Id-data li tagħti bidu għat-terminu ta' preskrizzjoni hija għalhekk determinabbli oġġettivament u tibda tiddekorri mid-data meta sseħħ l-allegata hsara.
«Illi dan it-terminu jista' jiġi sospiż biss f'każ li jkun hemm impediment ta' dritt u mhux wiehed ta' fatt.

«Illi l-attur ma kellu l-ebda impediment legali sabiex jikkawtela l-interessi tiegħu u għalhekk ma kellu l-ebda ostakolu legali sabiex ikun jista' jeżerċita l-azzjoni tiegħu.

«Għaldaqstant u għar-raġunijiet kollha fuq imsemmija, il-qorti filwaqt illi tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut tiddikjara illi l-azzjoni tal-attur hija preskritta ai termini tal-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili, u konsegwentement il-qorti qiegħda tiċħad it-talbiet kollha tal-attur.»

9. L-atturi appellaw minn din is-sentenza u l-aggravji tagħhom huma dawn:

10. L-ewwel aggravju hu illi l-ewwel qorti ma ħarsitx dak li jgħid l-art. 2137 tal-Kodiċi Ċivili, *viz.* illi "l-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dakinhar li din l-azzjoni tista' tiġi eżerċitata". Fil-fehma tal-atturi, l-azzjoni tagħhom setgħet tiġi eżerċitata biss wara d-deċiżjoni tal-1 ta' Ottubru 1998 tat-Tribunal għall-Investigazzjoni ta' Inġustizzji, għax "l-attur ma setax jipproċedi fl-1987 ħlief wara li ġew deċiżi l-proċeduri li inizja fit-Tribunal għall-Investigazzjoni [ta' Inġustizzji]. … Huwa biss f'dak il-mument illi l-esponent seta' jipproċedi ġudizzjarjament bil-kawża odjerna b'talba għal-likwidazzjoni u ħlas ta' danni".

11. Dan l-aggravju huwa manifestament infondat. Huwa fil-kompetenza tal-qorti ta' ġurisdizzjoni ċivili illi tiddeċiedi jekk l-għoti ta' post imwarrab biex l-attur jarma l-*kiosk* huwiex att illeċitu li jwassal għal responsabilità akwiliana f'min iwettqu. L-attur ma kellux jistenna deċiżjoni tat-Tribunal għall-Investigazzjoni ta' Inġustizzji biex jiftaħ il-kawża għax it-talba biex il-qorti tgħid illi l-għemil tal-konvenut kien wieħed illeċitu setgħet saret fil-kawża tallum.

12. Fil-fatt l-atturi stess jammettu dan meta, fin-nota ta' osservazzjonijiet tagħhom tat-8 ta' Ġunju 2012, iwaqqgħu dan l-aggravju tagħhom stess meta jgħidu:

«illi għad li huwa minnu li tissemma d-deċiżjoni indikata jirriżulta ċar li d-danni reklamati jemerġu mill-fatt tal-inġustizzja komessa fil-konfront tal-mejjet George Galea meta itteħidlu l-permess tal-*kiosk* tiegħu f'post prominenti f'Għar id-Dud tas-Sliema sabiex jiġi aġevolat ċertu Tanti Palmier u per konsegwenza George Galea ngħata post imwarrab fejn ma kienx hemm xogħol. Illi jiġi enfasizzat illi s-sentenza ssemmiet sabiex jiġi aħjar sottolinejat l-inġustizzja li kien sofra George Galea.»

13. Jekk id-deċiżjoni ssemmiet biss biex "tissottolineja" l-inġustizzja, ma kinitx element essenzjali fl-azzjoni tallum, u l-attur seta' mexxa qabel ma ngħatat.

14. It-tieni aggravju huwa illi "l-ewwel qorti naqset li tikkonsidra l-fatt illi l-appellant ma sofriex danni darba meta ngħata post imwarrab biex jarma bil-kjosk tiegħu però baqa' jsofri d-danni tul il-proċeduri quddiem it-Tribunal għall-Investigazzjoni ta' Inġustizzji u anke wara …".

15. Dan l-aggravju wkoll huwa manifestament infondat. L-att illi, allegatament, għamel ħsara lill-atturi seħħ meta l-post fejn kien jarma l-*kiosk* ingħata lil terzi, u minn dakinhar bdiet isseħħ il-ħsara għax l-attur ingħata post ieħor li ma kienx irendi daqshekk. Mela minn dakinhar setgħet tiġi eżerċitata l-azzjoni u minn dakinhar bdiet tgħaddi l-preskrizzjoni. Bl-argument tal-atturi, min iġarrab danni minħabba leżjoni personali li ġġib debilità permanenti fil-ġisem jista' jiftaħ l-azzjoni meta jrid għax id-danni jibqa' jġarrabhom tul għomru kollu.

16. L-aħħar aggravju huwa msejjes fuq "ġurisprudenza … fejn ingħad illi dan l-istitut tal-preskrizzjoni għandu jiġi interpretat bl-aktar mod ristrettiv".

17. Dan huwa minnu iżda ma jfissirx illi meta jidher għal kollox ċar illi hemm l-elementi kollha meħtieġa għall-preskrizzjoni l-eċċezzjoni relativa xorta għandha tiġi miċħuda.

18. Fil-każ tallum l-att allegatament dannuż seħħ fl-1987; l-azzjoni nfetħet fl-1998, aktar minn għaxar snin wara; ma ntwera ebda att ta' interruzzjoni; u ma ntweriet ebda raġuni ta' sospensjoni. Huwa wisq ovvju illi l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni ma setgħetx tiġi miċħuda, u l-appell tal-atturi ma għandu ebda possibilità illi jintlaqa'.

19. Fil-fehma ta' din il-qorti għalhekk, billi mal-ewwel daqqa ta' għajn jidher illi l-aggravji kollha huma mingħajr ebda meritu u fiergħa għall-aħħar, lill-atturi b'ebda mod ma seħħilhom juru illi għandhom *probabilis causa litigandi* u t-talba tagħhom taħt l-art. 904 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili hija għalhekk miċħuda.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------